C/2026/4740

8.9.2026

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2026/4740)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Neretvanska mandarina"

Numru ta' referenza tal-UE: PDO-HR-1225-AM01 — 19.6.2026

1. **Isem il-prodott**

"Neretvanska mandarina"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

3. **Settur**

☑ Prodotti agrikoli

☐ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Il-Kroazja

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Isem/Ismijiet

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, għall-Forestrija u għas-Sajd

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ma tinkludix bidla fl-isem tal-indikazzjoni ġeografika protetta jew bidla fl-użu ta' dak l-isem. Ma hemmx ir-riskju li titħassar ir-rabta maż-żona ġeografika definita tal-produzzjoni, u l-emenda lanqas ma għandha xi restrizzjoni addizzjonali fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Titolu

Emenda standard tal-punt 2. Speċifikazzjonijiet tal-prodott

Deskrizzjoni

Emenda tal-punt 2: Id-deskrizzjoni tal-prodott tirreferi għall-kontenut totali tal-aċidu tal-frotta u għad-daqs tal-frotta.

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

Il-parti tat-test li tiddefinixxi l-parametri tal-kwalità:

— il-kontenut totali tal-aċidu tal-frotta għandu jkun fil-medda ta' 0,7–1,3 %;

— id-daqs tal-frotta tan-"Neretvanska mandarina" jvarja minn kalibru 1-XX għal kalibru 4.

ġiet sostitwita bi:

— il-kontenut totali tal-aċidu tal-frotta jrid ikun fil-medda ta' 0,8–1,5 %;

— id-daqs tal-frotta tan-"Neretvanska mandarina" jaqa' fil-medda tal-kalibru 1-X sal-kalibru 3.

Ġustifikazzjoni: Ir-raġuni għaż-żieda fil-valur tal-kontenut totali tal-aċidu hija primarjament it-tibdil fil-klima, li l-produtturi esperjenzaw matul l-aħħar deċennju. Il-bidliet ewlenin huma perjodi itwal u aktar frekwenti b'temperaturi għoljin (aktar minn 32 °C) li jwasslu biex il-mandolin f'maturità teknoloġika jkollu perċentwal ogħla ta' kontenut totali tal-aċidu. Id-daqs tal-frotta huwa marbut direttament ukoll mat-tibdil fil-klima. Il-perjodi ta' nixfa li dejjem qed jiżdiedu jwasslu għal perċentwal li qed jiżdied ta' frott aktar fin li ġeneralment ma jissodisfax il-proporzjon meħtieġ ta' zokkor-aċidu għall-frotta. Min-naħa l-oħra, il-frott li jkun kbir iżżejjed, b'kalibru ta' 1-xx u aktar, ikollu proporzjon aktar baxx ta' meraq tal-frott mill-valuri ddefiniti fl-ispeċifikazzjoni tal-prdoott.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Emenda standard tal-punt 4. tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott (is-subpunt 4.2. Kontroll tat-traċċabbiltà fil-proċess tal-produzzjoni)

Deskrizzjoni

L-emenda fil-punt 4.2 tikkonċerna l-metodu taż-żamma tar-reġistru ta' produtturi agrikoli li fih hija introdotta tabella Excel bħala reġistru minflok l-applikazzjoni tal-kompjuter. It-terminu "reġistru kompjuterizzat" inbidel kif xieraq għal "reġistru".

Il-formulazzjoni preċedenti:

Il-kontrolli tat-traċċabbiltà fil-proċess tal-produzzjoni jitwettqu permezz ta' reġistru kompjuterizzat uniku ta' rqajja' ta' produzzjoni (imsaġar tal-frott). Fir-reġistru, kull roqgħa ta' produzzjoni ta' kull produttur individwali tiġi rreġistrata taħt numru tal-identifikazzjoni speċifiku ("numru tal-ID") u tiġi mmarkata viżibbilment fuq il-mappa ortofotografika tal-Wied Neretva. In-numru tal-ID tal-produttur huwa l-punt tat-tluq għall-kontroll tat-traċċabbiltà (l-Anness 4.3. Sistema tal-awtokontroll u l-Anness 4.4 Formola ta' traċċabbiltà – eżempju).

L-obbligu ta' kull produttur agrikolu taħt is-sistema ta' protezzjoni huwa li jirreġistra l-irqajja' ta' produzzjoni fir-reġistru kompjuterizzat u li jwettaq l-attivitajiet kollha meħtieġa biex jistabbilixxi t-traċċabbiltà u l-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti ta' din l-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Minbarra r-rekords tal-imsaġar tal-frott tal-produzzjoni, dan ir-reġistru jżomm ukoll rekords tat-tekniki agrikoli kollha implimentati fil-proċess tal-produzzjoni. Reġistru kompjuterizzat ta' produtturi u rqajja' ta' produzzjoni jinżamm mill-Assoċjazzjoni tal-Kultivaturi tal-Frott ta' Neretva "Mandarina Opuzen" (l-Anness 4.5. Estratt mir-reġistru kompjuterizzat).

ġiet sostitwita bi:

Il-kontrolli tat-traċċabbiltà fil-proċess tal-produzzjoni jitwettqu permezz ta' reġistru uniku ta' rqajja' ta' produzzjoni (imsaġar tal-frott). Fir-reġistru, kull roqgħa ta' produzzjoni ta' kull produttur individwali tiġi rreġistrata taħt numru tal-identifikazzjoni speċifiku ("numru tal-ID"). In-numru tal-ID tal-produttur huwa l-punt tat-tluq għall-kontroll tat-traċċabbiltà (l-Anness 4.3. Sistema tal-awtokontroll u l-Anness 4.4 Formola ta' traċċabbiltà – eżempju).

L-obbligu ta' kull produttur agrikolu taħt is-sistema ta' protezzjoni huwa li jirreġistra l-irqajja' ta' produzzjoni fir-reġistru ta' produtturi u li jwettaq l-attivitajiet kollha meħtieġa biex jistabbilixxi t-traċċabbiltà u l-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti ta' din l-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Reġistru ta' produtturi u rqajja' ta' produzzjoni jinżamm mill-Assoċjazzjoni tal-Kultivaturi tal-Frott ta' Neretva "Mandarina Opuzen" (l-Anness 4.5. Reġistru tal-produtturi).

Ġustifikazzjoni:

F'dan l-artikolu, l-obbligu li jinżammu rekords tal-produtturi agrikoli u t-tekniki agrikoli kollha implimentati fil-proċess tal-produzzjoni permezz tar-reġistru kompjuterizzat tal-programm GIS tneħħa mill-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Għal raġunijiet ta' sempliċità u operabbiltà, ir-rekords kollha se jinżammu f'tabelli Excel fil-futur.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Emenda standard tal-punt 5. tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott (is-subpunt 5.4.2. Miżuri agronomiċi u miżuri ta' ġestjoni tal-imsaġar tal-frott)

Deskrizzjoni

It-test tal-punt 5.4.2.: (fil-parti Ħsad tal-frott) huwa relatat mal-kontenut totali tal-aċidu tal-frotta, li jiddetermina meta jinbeda u jintemm il-ħsad.

Il-formulazzjoni preċedenti:

Il-bidu tal-ħsad huwa ddefinit bħala ż-żmien meta l-kontenut tal-aċidu massimu jkun ta' 1,3 % u l-proporzjon tal-indiċi tal-maturità jkun ta' 7:1. It-tmiem tal-ħsad għall-frott eliġibbli biex jiġi kkummerċjalizzat bħala l-prodott protett huwa ddefinit bħala ż-żmien meta l-kontenut tal-aċidu minimu jkun ta' 0,7 % bl-istess proporzjon ta' indiċi tal-maturità.

ġiet issostitwita bit-test li ġej:

Il-bidu tal-ħsad huwa ddefinit bħala ż-żmien meta l-kontenut tal-aċidu massimu jkun ta' 1,5 % u l-proporzjon tal-indiċi tal-maturità jkun ta' 7:1. It-tmiem tal-ħsad għall-frott eliġibbli biex jiġi kkummerċjalizzat bħala l-prodott protett huwa ddefinit bħala ż-żmien meta l-kontenut tal-aċidu minimu jkun ta' 0,8 % bl-istess proporzjon ta' indiċi tal-maturità.

Ġustifikazzjoni:

Ir-raġuni għaż-żieda fil-valur tal-kontenut totali tal-aċidu hija primarjament it-tibdil fil-klima, li l-produtturi esperjenzaw matul l-aħħar deċennju. Il-bidliet ewlenin huma perjodi itwal u aktar frekwenti b'temperaturi għoljin (aktar minn 32 °C) li jwasslu biex il-mandolin f'maturità teknoloġika jkollu perċentwal ogħla ta' kontenut totali tal-aċidu.

☑ Din l-emenda taffettwa d-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli

"Neretvanska mandarina"

Numru ta' referenza tal-UE: PDO-HR-1225-AM01 — 19.6.2026

1. **Isem/Ismijiet**

"Neretvanska mandarina"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

Il-Kroazja

4. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu**

4.1. *Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143*

08 – FROTT U ĠEWŻ TAJBIN GĦALL-IKEL; QOXRA TAL-FROTT TAĊ-ĊITRU JEW TAL-BETTIEĦ

4.2. *Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu li għalih japplika l-isem reġistrat*

In-"Neretvanska mandarina" hija frotta tas-siġra tal-larinġa mandolina li tappartjenti għall-Grupp Unshiu-Satsuma (Ċitru unshiu "Marcovitch"). F'temini ta' sistematika botanika, tappartjeni għall-familja Rutaceae, is-subfamilja Aurantioideae, il-ġeneru Ċitru u l-ispeċi Citrus reticulata "Blanco".

Il-frotta tan-"Neretvanska mandarina" hija bakka mlaħħma mfellija (hesperidium) b'qoxra li tinfired faċilment mill-qalba. Il-parti li tittiekel tal-frotta hija mmerrqa, bla żerriegħa, ta' kulur oranġjo, u maqsuma fi flieli li jistgħu jinfirdu minn xulxin faċilment. Il-parti li tittiekel tan-"Neretvanska mandarina" għandha kontenut ta' karotenojdi ta' bejn 15,50 u 26 mg/kg. It-togħma hija aċiduluża, rinfreskanti u b'nota ħelwa skont il-proporzjon taz-zokkor għall-aċidu fil-frotta. Il-frotta tvarja minn ċatta għal ċatta ttundjata fil-forma. Il-kulur tal-qoxra jinbidel u jvarja skont kemm tkun misjura l-frotta. Il-frotta tkun ħadra ċara meta tibda ssir, u bil-mod il-mod tinbidel minn safra ċara għal dehbija u finalment għal oranġjo meta tkun misjura għalkollox. Il-frotta għandha aroma ħafifa, ibbilanċjata sew u rinfreskanti li ssir intensiva biss wara li titqatta' jew titqaxxar u jiġu rilaxxati l-komposti aromatiċi tagħha.

Il-kwalità tan-"Neretvanska mandarina" hija ddeterminata abbażi tal-parametri li ġejjin:

— il-kontenut ta' meraq tal-frotta jrid ikun tal-anqas ta' 40 %;

— il-kontenut totali tal-aċidu tal-frotta jrid jaqa' fil-medda ta' 0,8–1,5 %;

— l-anqas proporzjon permissibbli ta' zokkor għall-aċidu fil-frotta tan-"Neretvanska mandarina" huwa ta' 7:1 (solidu solubbli totali/aċidu titratabbli).

— id-daqs tal-frotta tan-"Neretvanska mandarina" jaqa' fil-medda tal-kalibru 1-X sal-kalibru 3.

4.3. *Derogi dwar l-akkwist ta' għalf (għal prodotti li joriġinaw mill-annimali ddeżinjati b'denominazzjoni ta' oriġini protetta biss) u restrizzjonijiet fuq l-akkwist ta' materja prima (għal prodotti proċessati ddeżinjati minn indikazzjoni ġeografika protetta biss)*

—

4.4. *Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika definita*

Kull fażi tal-produzzjoni tan-"Neretvanska mandarina", mill-produzzjoni tal-materjal riproduttiv sal-ħsad tal-mandolina, trid isseħħ fiż-żona ġeografika ddefinita fil-punt 5.

4.5. *Regoli speċifiċi dwar l-imballaġġ, it-tfettit, it-taħkik, eċċ. tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

Il-frotta tinġabar f'kaxex (kannestri) ta' kapaċità ta' 30 kg, impoġġija f'turrun fuq il-paletti u mwassla fiċ-ċentri tal-bejgħ u tad-distribuzzjoni. L-ipproċessar ulterjuri tal-frotta jseħħ f'dawk iċ-ċentri skont il-proċedura li ġejja: il-kontroll tal-kwalità u tat-traċċabbiltà hekk kif tidħol, is-sajran tal-frotta (jekk meħtieġ), il-kalibrazzjoni, l-isprejjar bix-xama', it-tnixxif, it-tkessiħ f'temperatura ta' 5–8 °C u l-kontroll tal-kwalità u tat-traċċabbiltà mal-ħruġ fi tmiem il-proċess. It-tul massimu ta' żmien permess biex in-"Neretvanska mandarina" tkun lesta għas-suq (minn meta l-frotta tasal fiċ-ċentru tal-bejgħ sa meta tintbagħat) huwa ta' 5 ijiem jew 120 siegħa.

4.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

Meta l-prodott jitqiegħed fis-suq, kull pakkett tal-prodott irid jiġi mmarkat b'mod ċar u viżibbli bid-denominazzjoni "Neretvanska mandarina". F'termini ta' daqs, tip u kulur (tipografija), l-ittri tal-isem għandhom jispikkaw b'mod aktar ċar minn kwalunkwe kliem ieħor fuq l-imballaġġ. Il-kliem "Lot broj" ("Nru tal-Lott") jeħtieġ li wkoll ikun jingħaraf b'mod ċar fuq id-dikjarazzjoni tal-prodott lest. Dan jiggarantixxi t-traċċabbiltà u jippermetti li tiġi stabbilita rabta mal-produttur f'kull punt ta' żmien.

5. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika**

Iż-żona ġeografika tal-Wied Neretva, li fih tiġi prodotta n-"Neretvanska mandarina" huwa kkonfinat min-naħa tat-Tramuntana mill-Bożnija-Ħerzegovina u min-naħa tan-Nofsinhar mill-kosta tal-Baħar Adrijatiku. Min-naħa tan-Nofsinhar, tax-Xlokk u tal-Majjistral, il-Wied Neretva huwa delineat mill-katina tal-muntanji Dinariċi. Iż-żona tal-produzzjoni tan-"Neretvanska mandarina" tinkludi l-irħula ta' Metković, Opuzen u Ploče u l-muniċipalitajiet ta' Slivno, Kula Norinska u Zažablje.

6. **Rabta maż-żona ġeografika**

Sommarju tar-rabta

Il-mikroklima taż-żona hija ddeterminata mill-prossimità għall-baħar, li għandha l-effett li ttaffi t-temperaturi baxxi xitwin u dawk għoljin sajfin. It-temperatura annwali medja matul il-medja ta' 10 snin (2002–2012) fil-Wied Neretva hija ta' 15,8 °C. It-temperatura medja fix-xitwa hija ta' 7,25 °C. L-umdità relattiva tal-arja hija fattur bijoklimatiku ta' importanza kbira. Din, flimkien mat-temperatura tal-arja u r-riħ, hija ferm importanti biex tiżgura tranżizzjoni regolari bejn il-fażijiet veġetattivi u ġenerattivi fit-tkabbir tas-siġar tal-mandolin. L-umdità relattiva medja (medja ta' 10 snin) hija ta' 69 %. L-abbundanza tal-ilma, tal-lagi u tax-xmajjar b'passaġġi tal-ilma mħattba u b'kanali tal-iskular tal-ilma fil-miftuħ imħaffrin bl-idejn huma l-karatteristiċi ewlenin taż-żona tal-Wied Neretva u jagħmluha unika anke mil-lat idroloġiku. Id-distanza massima tal-pjantaġġuni tan-"Neretvanska mandarina" minn sorsi naturali tal-ilma fil-miftuħ hija ta' 500 metru. L-attribwiti idroloġiċi taż-żona wasslu għal livell għoli ta' ilma ta' taħt l-art u umdità tal-arja relattivament elevata, li tispikka partikolarment meta l-frotta tkun qed issir (f'Settembru, f'Ottubru u f'Novembru). F'dak iż-żmien tas-sena, il-provvista ottimali ta' ilma għall-pjanti hija ta' importanza kruċjali għall-kwalità tal-frotta. F'termini ta' ħamrija, iż-żona tal-Wied Neretva hija kkaratterizzata minn sedimenti ta' oriġini alluvjali ta' kompożizzjoni partikolarment eteroġenuża. F'dak li jirrigwarda s-sawra, jispikkaw it-trab ramli ġulġlieni u t-trab ġulġlieni ramli u tafli. Il-kapillarità qawwija tagħhom tgħin fit-tkabbir tal-mandolin.

B'riżultat tal-karatteristiċi naturali taż-żona tal-kultivazzjoni msemmija hawn fuq, il-frotta "Neretvanska mandarina" tingħaraf permezz tal-qoxra rqiqa u lixxa tagħha li hija faċli biex titqaxxar u mill-fatt li hija bla żerriegħa u l-flieli jistgħu jinfirdu faċilment.

Il-parti tal-frotta li tittiekel għandha kulu isfar dehbi, li jinbidel għal oranġjo hekk kif issir. Dan huwa marbut mal-kontneut għoli ta' karotenojdi. Il-kontenut għoli ta' karetenojdi fil-parti tal-frotta li tittiekel huwa waħda mill-karatteristiċi ewlenin tal-mandolin mir-reġjun Neretva. Ir-riżultati ta' analiżijiet li twettqu fuq kampjuni tan-"Neretvanska mandarina" stabbilew li l-konċentrazzjoni tal-karotenojdi fil-parti mlaħħma tal-frotta kienu ogħla mill-medja. (V. Dragović-Uzelac *et al.* 2012.: Određivanje specifičnih svojstava neretvanske mandarine (*Citrus reticulata* L.) zbog zaštite geografskog podrijetla (GI), il-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Ikel u tal-Bijoteknoloġija, Zagreb). Barra minn hekk, il-frotta "Neretvanska mandarina" tingħaraf mill-kontenut għoli ta' meraq fil-parti li tittiekel tal-frotta, mill-kontenut għoli ta' materja niexfa tagħha u mill-bilanċ armonjuż taz-zokkor u tal-aċidu li jagħtiha l-karatteristiċi organolettiċi partikolari tagħha: togħma rinfreskanti u aroma qawwija. Il-kultivazzjoni tal-mandolin bi stil ta' pjantaġġuni fil-Wied Neratva bdiet wara li tlestew ix-xogħolijiet ta' riklamazzjoni fl-1961 u l-1962. Skont ir-reġistri tal-knisja (l-uffiċċju tal-parroċċa Sv. Ilija f'Metković), "minkejja n-nixfa kbira fil-Wied Neretva fl-1971, ir-rendiment tal-mandolin huwa stmat li laħaq id-900 tunnellata." Għaldaqstant, in-"Neretvanska mandarina" hija prodott speċifiku, li l-karatteristiċi tiegħu huma influwenzati mhux biss mill-interazzjoni mal-ambjent (il-klima, il-post u l-art), iżda wkoll minn tradizzjoni fit-tul tal-produzzjoni. Ġeografikament, il-Wied Neretva huwa wieħed mill-aktar tliet reġjuni fl-Ewropa lejn it-Tramuntana li fih jitkabbar iċ-ċitru. Dan jiddetermina, fil-biċċa l-kbira, l-istruttura tal-produzzjoni, l-għażla tal-kultivari u s-salvaġġ, li fl-aħħar mill-aħħar jaffettwaw il-komponenti ewlenin tal-kwalità tal-frotta. Il-pjantaġġuni kollha tan-"Neretvanska mandarina" għal finijiet kummerċjali jitlaqqmu mas-salvaġġ tal-*Poncirus trifoliata*. Il-vantaġġi ta' dan, li huma riflessi direttament fil-kwalità u fit-tkabbir bikri tal-frotta, iwasslu biex l-għażla ta' dan is-salvaġġ titqies bħala indispensabbli. Minbarra dak, il-prossimità għall-baħar tħalli influwenza qawwija fuq il-varjazzjonijiet ta' kuljum fit-temperatura tal-arja (min-nhar għal billejl). Il-varjazzjonijiet huma partikolarment qawwija fil-ħarifa, meta t-temperatura tal-baħar spiss tista' taqbeż lil dik tal-arja tal-madwar. Dawn il-varjazzjonijiet fit-temperatura għandhom effett dirett fuq il-kulur tal-frotta, l-ammont ta' karotenojdi fil-polpa tagħha u l-uniformità u kemm tkun bikrija l-maturazzjoni. Tradizzjoni twila tal-kultivazzjoni li tmur lura aktar minn 80 sena, u l-applikazzjoni ta' għarfien prattiku u teknoloġiji ġodda taw il-kontribut sinifikanti tagħhom mhux biss għall-espansjoni tal-kultivazzjoni tal-mandolin fil-Wied Neretva matul l-aħħar deċennju, iżda wkoll għat-titjib fil-kwalità. Minkejja bosta bidliet fit-teknoloġija agrikola, l-elementi kollha ewlenin taż-żona ġeografika u l-kultivazzjoni tradizzjonali ġew ikkonservati. Dawn huma marbuta fuq kollox mal-proċessi tekniċi awżiljarji (it-tqattigħ, iż-żbir tal-kuruna, it-tneħħija tar-rimjiet tas-selvaġġ, it-tneħħija tal-frott mill-pjantaġġuni żgħar) li għadhom isiru esklużivament bl-idejn.

Referenza għall-indirizz elettroniku (url) tal-ispeċifikazzjoni ppubblikata

https://poljoprivreda.gov.hr/UserDocsImages/dokumenti/hrana/zoi-zozp-zts/dokumenti-zoi-zozp-zts/Specifikacija%20proizvoda%20Neretvanska%20mandarina%20-%20%C4%8Distopis.pdf